

31994L0036

10.9.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 237/13

ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL 94/36/KE**tat-30 ta' Ġunju 1994****dwar il-kuluri għall-użu fl-ikel**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-addittivi ta' l-ikel awtorizzati għall-użu fl-ikel intiż għal konsum mill-bniedem⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni⁽²⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali⁽³⁾,

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 189b tat-Trattat⁽⁴⁾,

Billi d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet ta' l-użu tal-kuluri fl-ikel ifixxlu l-moviment liberu tal-prodotti ta' l-ikel; billi dan jista' joħloq kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ġusta;

Billi l-ewwel konsiderazzjoni għal xi regoli fuq dawn l-addittivi ta' l-ikel u l-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom għandha tkun il-ħtieġa li jkun protett u infurmat il-konsumatur;

Billi l-addittivi ta' l-ikel jistgħu jkun użati biss meta jkun hemm evidenza li huma teknoloġikament meħtieġa u li l-użu tagħhom mhuwiex ħażin għas-saħħa;

Billi l-kuluri huma wżati biex jerġgħu jagħtu d-dehra oriġinali ta' l-ikel li l-kulur tiegħu jkun affettwat bl-ipproċessar, il-ħażna, l-imballaġġ u d-distribuzzjoni, li bihom l-aċċettabiltà viswali tista' tkun imħassra;

Billi l-kuluri huma użati biex jagħmlu l-ikel iktar attraenti viżwalment u jgħinu biex jidentifikaw it-togħma normalment assoċċjata mal-ikel partikolari u biex jagħtu kulur lil ikel li inkella ma jkollux kulur;

Billi huwa meħtieġ li jkunu inklużi ċerti kuluri maħsuba għall-immarrar tas-saħħa tal-laħam taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju uffiċjali skond il-ħtiġiet tad-Direttiva 91/497/KEE⁽⁵⁾, u b'mod partikolari il-Kapitolu XI ta' l-Anness I tagħha;

Billi dawk il-kuluri biss li huma awtorizzati minn din id-Direttiva għandhom ikunu wżati għad-dekorazzjoni ta' bajd jew għall-istampar ta' bajd kif ipprovdut fir-Regolament (KEE) Nru 1274/91⁽⁶⁾;

Billi l-kuluri huma wżati biex isaħħu l-kuluri diġà preżenti fl-ikel;

Billi huwa ġeneralment rikonoxxut li l-prodotti ta' l-ikel mhux ipproċessati u ċerti prodotti bażiċi oħra ta' l-ikel għandhom ikunu ħielsa mill-addittivi ta' l-ikel;

Billi, fir-rigward ta' l-informazzjoni xjentifika u tossikoloġika l-aktar reċenti dwar l-addittivi, xi wħud minn dawn jistgħu jkunu permissibbli biss għal ċerti prodotti ta' l-ikel u taħt ċerti kondizzjonijiet ta' l-użu;

Billi huwa meħtieġ li jsiru regoli strinġenti għall-użu ta' l-addittivi fl-ikel għat-tfal żgħar;

Billi l-Kumitat Xjentifiku dwar l-ikel ġie kkonsultat fuq dawk is-sustanzi li għadhom mhux suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Komunità;

Billi huwa mixtieq li meta tittieħed deċizzjoni dwar jekk prodott partikolari ta' l-ikel jagħmilx parti minn ċerta kategorija ta' l-ikel, il-konsultazzjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-ikel hija l-proċedura li għandha tkun segwita;

Billi din id-Direttiva parzjalment tieħu post id-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1962 dwar l-approssimazzjoni tar-regolamenti ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw is-sustanzi kuluranti awtorizzati għall-użu fi prodotti ta' l-ikel maħsuba għal konsum tal-bniedem⁽⁷⁾;

Billi l-modifika eżistenti ta' kriterji ta' purità dwar is-sustanzi kuluranti u speċifikazzjoni ġdida għal dawk meta ma teżistix kriterja ta' purità, għandhom ikunu proposti bi qbil mal-proċedura ta' l-Artikolu 11 tad-Direttiva 89/107/KEE;

⁽¹⁾ ĠU L 40, 11.2.1989, p. 27; Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/34/KE (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU Ċ 12, 8.1.1992, p. 7.

⁽³⁾ ĠU Ċ 313, 30.11.1992, p. 1.

⁽⁴⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 1993 (ĠU Ċ 115, 26.4.1993, p. 105), ikkonfermata fit-2 ta' Diċembru 1993 (ĠU Ċ 342, 20.12.1993), il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1994 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 (ĠU Ċ 91, 28.3.1994, p. 79).

⁽⁵⁾ ĠU Ċ 268, 24.6.1991, p. 69; Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/5/KEE (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 1).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1274/91 tal-15 ta' Mejju 1991 li jintroduċi regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1907/90 dwar ċerti standards ta' kummerċ għall-bajd (ĠU L 121, 16.5.1991, p. 11). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1259/94 (ĠU L 137, 1.6.1994, p. 54).

⁽⁷⁾ ĠU L 115, 11.11.1962, p. 2645/62; Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 85/7/KEE (ĠU L 2, 3.1.1995, p.22).

Billi, biex ikunu protetti l-konsumaturi, il-Komunità għandha tippromwovi riċerka dwar l-effetti possibbli (inklużi dawk ta' natura kumulattiva u sinerġika) dwar is-saħħa tal-bniedem tal-kuluri wżati fil-prodotti ta' l-ikel, b'referenza speċjali għal dawk li n-nuqqas tagħhom ta' possibbiltà li jagħmlu l-ħsara hija fid-dubju,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva hija direttiva speċifika li tiffirma parti mid-direttiva komprensiva fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/107/KEE,

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, 'kuluri' huma sustanzi li jżidu jew jerġgħu jagħtu kulur lil xi ikel, u jinkludu kostitwenti naturali tal-prodotti ta' l-ikel u sorsi naturali li normalment ma jkunux ikkonsumati bħala prodotti ta' l-ikel bħala tali u mhux normalment użati bħala ingredjenti karatteristiċi ta' l-ikel.

Il-preparazzjonijiet miksuba mill-prodotti ta' l-ikel u sorsi materjali naturali oħrajn miksuba minn estrazzjoni fiżika u/jew kimika li tirriżulta festrazzjoni selettiva ta' pigmenti relattivi mal-kostitwenti nutrittivi jew aromatiċi huma kuluri fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva.

3. Madankollu, s-sustanzi li ġejjin m'għandhomx ikunu kkonsidrati kuluri għall-għan ta' din id-Direttiva:

— prodotti ta' l-ikel, kemm jekk niexfa jew f'forma kkonċentrata u sustanzi li jagħtu t-togħma inkorporati waqt il-manifattura ta' prodotti ta' komposti ta' l-ikel, minħabba l-propjetajiet aromatiċi, bnini jew nutrittivi flimkien mal-effett kulurit sekondarju, bħal ma hi l-paprika, it-turmerik u ż-żagħfran,

— kuluri wżati biex ikunu kkuluranti l-partijiet esterni mhux tajba għall-ikel tal-prodotti ta' l-ikel, bħal kisi tal-ġobon u għal kisi taz-zalzett.

Artikolu 2

1. Is-sustanzi biss elenkati fl-Anness I jistgħu jkunu wżati bħala kuluri fil-prodotti ta' l-ikel.

2. Il-kuluri jistgħu jintużaw biss fil-prodotti ta' l-ikel elenkati fl-Annessi III, IV u V u taħt il-kondizzjonijiet speċifikati hemmhekk; il-kuluri jistgħu jintużaw fdawk l-istess prodotti

ta' l-ikel meta jkunu maħsuba għal użu partikolari bi qbil mad-Direttiva 89/398/KEE⁽¹⁾.

3. Il-kuluri ma jistgħux jintużawx fil-prodotti ta' l-ikel elenkati fl-Anness II minbarra kif ipprovdut speċifikament fl-Annessi III, IV jew V.

4. Il-kuluri permissibbli għal ċerti użu biss huma elenkati fl-Anness IV.

5. Il-kuluri permissibbli b'mod ġenerali fi prodotti ta' l-ikel u l-kondizzjonijiet ta' l-użu għal dan il-għan huma elenkati fl-Anness V.

6. Il-livelli massimi indikati fl-Annessi:

— jirrelataw ma' prodotti ta' l-ikel lesti biex jittieklu, ippreparati skond l-istruzzjonijiet għall-użu,

— jirreferu għal kwantitajiet tal-prinċipju tal-kulur kontenut fil-preparazzjoni tal-kulur.

7. Fl-Annessi ta' din id-Direttiva '*quantum satis*' tfisser li l-ebda l-livell massimu m'huwa speċifikat. Madankollu, sustanzi kuluranti għandhom jintużaw skond prattika ta' manifattura tajba flivell mhux għola minn dak meħtieġ biex jinkiseb l-għan intiż u bil-kondizzjoni li ma jiżgwidawx lil konsumatur.

8. Għall-iskopijiet ta' l-immarrkar tas-saħħa kif ipprovdut fid-Direttiva 91/497/KEE u l-immarrkar l-ieħor meħtieġ fuq prodotti tal-laħam, jistgħu jintużaw biss E 155 Kannella HT, E133 Ikħal Brillanti FCF jew E 129 Aħmar Allura AC jew taħlita xierqa ta' E133 Ikħal Brillanti FCF u E 129 Aħmar Allura AC.

9. Biss dawk il-kuluri msemmija fl-Anness I jistgħu jkunu wżati għad-dekorazzjoni tal-qxur tal-bajd jew għall-istampar tal-qxur tal-bajd kif ipprovdut fir-Regolament (KEE) Nru 1274/91.

10. Biss dawk il-kuluri elenkati fl-Anness I, bl-eċċezzjoni ta' E 123, E 127, E 128, E 154, E 160b, E 161g, E 173 u E 180, jistgħu jinbiegħu direttament lill-konsumaturi.

11. Fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva 'mhux ipproċessat' tfisser li m'għaddiex mill-ebda trattament li jirriżulta f'bidla sostanzjali mill-istat oriġinali tal-prodotti ta' l-ikel. Madankollu, jistgħu per eżempju jkunu diviżi, maqsuma, servuti, iddisussati, magħmula kapuljat, misluħa, maqtugħa, mqaxxa, mitħuna, mnaddfa, mirquma, iffriżati ħafna, iffriżati, mkessħin, mitħuna jew mifsuqa, ippakkjati jew mhux ippakkjati.

(¹) ĠU L 186, 30.6.1989, p. 27.

Artikolu 3

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Komunità, il-preżenza ta' kulur fi prodott ta' l-ikel hija permissibbli:

— fi prodott ta' l-ikel kompost appartni minn dak msemmi fl-Anness II sal-limiti li l-kulur ikun permissibbli f'wieħed mill-ingredjenti tal-prodott ta' l-ikel kompost.

jew

— jekk il-prodott ta' l-ikel jkun iddestinat biex jintuża biss fil-preparazzjoni ta' prodott ta' l-ikel kompost u sal-limiti li dak il-prodott ta' l-ikel kompost ikun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Artikolu 4

Jista' jkun deċiż mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5, jekk prodott ta' l-ikel partikolari jagħmilx parti minn kategorija ta' l-ikel msemmija fl-Annessi, u jekk sustanzi humiex kuluri fit-tifsira ta' l-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Meta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tkun segwita, il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti dwar l-ikel, stabbilit permezz tad-Direttiva 69/414/KEE⁽¹⁾, minn hawn 'l quddiem msemmi bħala 'il-Kumitat'.

2. Il-president għandu jirreferi l-materja lejn il-Kumitat jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba ta' rappreżentant ta' Stat Membru.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lejn il-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz fil-limitu taż-żmien li l-president jista' jstabbilixxi skond l-urġenza tal-każ l-opinjoni għandha tingħata mill-maġġoranza kif stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa meħtieġ li jieħu fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom jkunu mogħbija skond il-maniera stabbilita f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

4. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba jekk dawn ikunu jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Jekk il-miżuri maħsuba ma jkunux bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tingħata l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha minnufih tissottometti lejn il-Kunsill proposta relatata mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, fit-tmiem ta' tliet xhur mid-data tar-referenza lejn il-Kunsill, il-Kunsill ikun għandu ma aġixxiex, il-miżuri proposti għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom, fi żmien tliet snin mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva, jistabbilixxu sistemi biex jissorveljaw il-konsum u l-użu tal-kuluri u jirrapurtaw ir-riżultati tagħhom lejn il-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport lejn il-Parlament Ewropew fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva dwar il-bidliet li jkunu seħħu fis-suq tal-kuluri, il-livelli ta' l-użu u l-konsum.

Bi qbil mal-kriterji ġenerali tal-punt 4 ta' l-Anness II tad-Direttiva 89/107/KEE, fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrevedi il-kondizzjonijiet ta' l-użu msemmija f'din id-Direttiva, u tipproponi bidliet fejn meħtieġ.

Artikolu 7

L-Artikoli 1 sa 7, l-Artikolu 8(1), it-tieni nċiż u (2), u l-Artikoli 9 sa 15 tad-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962 dwar is-sustanzi tal-kulur fi prodotti ta' l-ikel huma hawnhekk revokati.

Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet revokati għandhom jkunu interpretati bħala referenzi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' din id-Direttiva.

Artikolu 8

Il-Kummissjoni għandha, biex tikkoinċidi mad-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, tistabbilixxi kampanja, flimkien mal-Parlament Ewropew, ministeri nazzjonali, l-industriji ta' l-ikel u l-korpi tal-konsumatur, biex tinforma lill-konsumaturi dwar il-proċeduri ta' l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni għall-kuluri permissibbli, u t-tifsira tas-sistema tan-numri 'E'.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mil-31 ta' Diċembru 1995 sabiex:

(¹) ĠU L 291, 19.11.1969, p. 9.

- jippermettu, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1995, kummerċ u użu tal-prodotti li huma konformi ma' din id-Direttiva,
- jipprojbixxu, mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 1996, kummerċ u użu tal-prodotti li ma humiex konformi ma' din id-Direttiva. Prodotti mpoġġija fis-suq jew ittikkettjati qabel dik id-data li ma jkunux konformi ma' din id-Direttiva jistgħu, b'dana kolu, jkunu mibjugħa sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jkunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif isiru dawn it-tipi ta' referenzi għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 10

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1994.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

E. KLEPSCH

Għall-Kunsill

Il-President

A. BALTAS

ANNEX I

LISTA TA' KULURI PERMISSIBBLI TA' L-IKEL

Nota: Koloranti ta' l-aluminju ppreparati mill-kuluri msemija f'dan l-Anness huma awtorizzati.

Nru KE	Isem komuni	Indiċi tal-kulur Nru (1) jew desk- rizzjoni
E 100	Kurkumin	75300
E 101	(i) Riboflavin (ii) Riboflavin-5'-fosfat	
E 102	Tartrażina	19140
E 104	Kwinolin Isfar	47005
E 110	Isfar ta' nżul ix-xemx FCF Isfar fl-oranġjo S	15985
E 120	'Kocinil', aċidu Karminiku, Karmini	75470
E 122	Ażorubine, Karmojzin	14720
E 123	Amarant	16185
E 124	Ponsu 4R, Koċineal Aħmar A	16255
E 127	Eritrosin	45430
E 128	Aħmar 2G	18050
E 129	Aħmar Allura AC	16035
E 131	Ikħal Patenti V	42051
E 132	Indigotin, Karminju Indigo	73015
E 133	Ikħal ileqq FCF	42090
E 140	Klorofilli u Klorofillini:	75810
	(i) Klorofilli	75815
	(ii) Klorofillini	
E 141	Kumplessi tar-ram (aħmar) tal-klorofilli u Klorofillini	75815
	(i) Kumplessi tar-ram tal-klorofilli	
	(ii) Kumplessi tar-ram tal-klorofillini	
E 142	Aħdar S	44090
E 150a	Karamella sempliċi (2)	
E 150b	Karamella tas-sulfid kawstiku	
E 150c	Caramel ta' l-ammonja	
E 150d	Caramel b'sulfid ta' l-ammonja	
E 151	Iswed ileqq BN, Iswed PN	28440
E 153	Karbonju tal-ħaxix	
E 154	Kannella FK	
E 155	Kannella HT	20285

Nru KE	Isem komuni	Indiċi tal-kulur Nru (1) jew desk- rizzjoni
E 160a	Karoteni: (i) Karoteni mħallta (ii) Beta-karoteni	75130 40800
E 160b	Annatto, bixin, norbixin	75120
E 160ċ	Estratt tal-paprika, kapsantin, kapsorubin	
E 160d	Likopin	
E 160e	Beta-apo-8'-karotenal (C30)	40820
E 160f	Ester etiliku ta' l-aċidu beta-apo-8'-karotenal (C 30)	40825
E161b	Lutejna	
E 1	Kantaxantin	
E 162	Aħmar tal-pitravi, betanin	
E 163	Antosajnini	Preparat b'mezzi fiżiċi mill- frott u l-ħaxix
E 170	Karbonat tal-kalċju	77220
E 171	Diossidu tat-titanju	77891
E 172	Ossidi tal-ħadid u idro-ossidi	77491 77492 77499
E 173	Aluminju	
E 174	Fidda	
E175	Deheb	
E 180	Litolrubin BK	

(1) In-numri ta' l-indiċi tal-kulur huma meħuda mit-tielet edizzjoni 1982 ta' l-Indiċi tal-Kulur, volumi 1 sa 7, 1315. Wkoll l-emendi 37 sa 40 (125), 41 sa 44 (127-50), 45 sa 48 (130), 49 sa 52 (132-50), 53 sa 56 (135).

(2) It-terminu 'karamella' huwa rrelatat ma' prodotti ta' kulur bejn wieħed u ieħor kannella intensi li huma maħsuba biex jagħtu kulur. Ma jikkorrispondix għal prodott aromatiku taz-zokkor miksub mit-tisħin taz-zokkrijiet u li huwa użat biex jagħti togħma lill-ikel (e.g. prodotti tad-dolċerija, ikel bl-għaġina, xorb alkoħoliku).

ANNEX II

PRODOTTI TA' L-IKEL LI MA FIHOMX KULURI MIŻJUDA, MINBARRA META PROVVDUT SPEĊIFIKAMENT FL-ANNESSI III, IV JEW V

(It-titoli wżati fl-Anness II ma jippreġudikawx il-prinċipju li jitmexxew 'il quddiem fil-każi meta l-prodotti jkun fihom ingredjenti b'kulur leġittimu bi dritt tagħhom)

1. Prodotti ta' l-ikel mhux ipproċessati
2. L-ilma kollu fil-fliexken jew ippakkjat
3. Ħalib, nofsu-xkumat u ħalib xkumat, pasturizzat jew sterilizzat (inkluża l-isterilizzazzjoni UHT) (mingħajr toġhma)
4. Ħalib biċ-ċikkulata
5. Ħalib iffermentat (mingħajr toġhma)
6. Ħalib ippriservat kif msemmi fid-Direttiva 76/118/KEE
7. Xorrox tal-butir (mingħajr toġhma)
8. Krema u trabijiet tal-krema (mingħajr toġhma)
9. Żjut u xaħmijiet li ġejjin mill-annimali jew mill-ħaxix
10. Bajd u prodotti tal-bajd kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/437/KEE
11. Dqiq u prodotti oħra mitħuna u l-lamti
12. Ħobż u prodotti simili
13. Għaġin u njokki
14. Zokkor, inklużi l-mono- u d-dissakkaridi kollha
15. Kunserva tat-tadam u tadam fil-bott jew fil-flixxun
16. Zlazi tat-tadam
17. Ġulepp tal-frott u nektar tal-frott kif msemmi fid-Direttiva 75/726/KEE u ġulepp tal-ħxejjex
18. Frott, ħaxix (inkluża l-patata) u faqqieġh - fil-bott, fil-flixxun jew imqadded; frott, ħaxix (inkluża l-patata) u faqqieġh ipproċessat
19. Kunserva kkonċentrata tal-frott, ġelatina kkonċentrata, u purea tal-qastan kif msemmija fid-Direttiva 79/693/KEE; *crème de pruneaux*
20. Ħut, molluski u krustaċej, laħam, tjur u kaċċa kif ukoll il-preparazzjonijiet tagħhom, imma ma jinkludux ikliet ippreparati li fihom dawn l-ingredjenti
21. Prodotti tal-kawkaw u komponenti taċ-ċikkulata fi prodotti taċ-ċikkulata kif imsemmija fid-Direttiva 73/241/KEE
22. Kafè, tè, ċikwejra, inkaljati; estratti tat-tè u ċ-ċikwejra; preparazzjonijiet tat-tè, tal-pjanti, tal-frott u taċ-ċereali għall-infużjoni, kif ukoll taħlitiet u taħlitiet istantanji ta' dawn il-prodotti
23. Melħ, sostituti tal-melħ, ħwawar u taħlit tal-ħwawar
24. Inbid u prodotti oħra kif definiti fir-Regolament (KEE) Nru 822/87
25. Korn (qamħ Ġermaniż), Kornbrand, xorb spirtuż mil-frott, spirti tal-frott, *Ouzo*, *Grappa*, *Tsikoudia* minn Kreta, *Tsipouro* mill-Maċedonja, *Tsipouro* minn Thessaly, *Tsipouro* minn Tyrnavos, *Eau de vie de marċ Marque nationale luxembourgeoise*, *Eau de vie de seigle Marque nationale luxembourgeoise*, ġnibru ta' Londra, kif definiti fir-Regolament (KEE) Nru 1576/89
26. *Sambuca*, *Maraschino* u *Mistra* kif definiti fir-Regolament (KEE) Nru 1180/91

27. *Sangria, Clarea* u *Zurra* kif imsemmija fir-Regolament (KEE) Nru 1601/91
 28. Hall magħmul mill-inbid
 29. Ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar kif msemmi fid-Direttiva 89/398/KEE inkluż l-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar li ma jkunux f'saħħithom
 30. Għasel
 31. Xgħir u prodotti tax-xgħir
 32. Ġobon misjur u mhux misjur (mingħajr toġhma)
 33. Ġobon mill-ħalib tan-nagħaġ u tal-mogħoż
-

ANNEX III

IKEL LI MIEGĦU JISTGĦU JIŻDIEDU BISS ĊERTI KULURI PERMISSIBBLI

Ikel	Kulur permissibbli	Livell massimu
Ħobż tax-xgħir	E 150a Karamella sempliċi	<i>quantum satis</i>
	E 150b Karamella b'sulfid kawstiku	
	E 150c Karamella ta' l-ammonja	
	E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja	
Birra Cidre bouché	E 150a Karamella sempliċi	<i>quantum satis</i>
	E 150b Karamella b'sulfid kawstiku	
	E 150c Karamella ta' l-ammonja	
	E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja	
Butir (inkluż il-butir b'anqas xaħam u butir ikkonċentrat)	E 160a Karoteni	<i>quantum satis</i>
Marġerina, 'minarine', emulsjonijiet oħra ta' xaħam, u xaħmijiet essenzjalment ħielsa mill-ilma	E 160a Karoteni	<i>quantum satis</i>
	E 100 Kurkumin	<i>quantum satis</i>
	E 160b Annatto, Bixine, Norbixine	10 mg/kg
Ġobon Sage Derby	E 140 Klorofilli Klorofillini	<i>quantum satis</i>
	E 141 Kumplessi tar-ram tal-korofilli u l-klorofillini	
Ġobon misjur Oranġjo, Isfar u abjad-safrani; ġobon mhux ipproċessat u mingħajr toġhma	E 160a Karoteni	<i>quantum satis</i>
	E 160c Estratt tal-paprika	
	E 160b Annatto, Bixin, Norbixin	
Ġobon Red Leicester	E 160b Annatto, Bixin, Norbixin	50 mg/kg
Ġobon mimolette	E 160b Annatto, Bixin, Norbixin	35 mg/kg
Ġobon morbier	E 153 Karbonju tal-ħxejjex	<i>quantum satis</i>
Ġobon irhamat aħmar	E 120 Koċineal, aċidu karminiku, karminji	125 mg/kg
	E 163 <i>Anthocyanins</i>	<i>quantum satis</i>
Hall	E 150a Karamella sempliċi	<i>quantum satis</i>
	E 150b Karamella b'sulfid kawstiku	
	E 150c Karamella ta' l-ammonja	
	E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja	

Ikel	Kulur permissibbli	Livell massimu
Whisky, Whiskey, spirtu tal-qamħ (minbarra l-Korn jew il-Kornbrand jew <i>Eau de vie de seigle Marque nationale luxemburgeoise</i>), spirtu ta' l-inbid, rum, Brandy, <i>Weinbrand</i> , il-karfa ta' l-għeneb, l-ispirtu tal-karfa ta' l-għeneb (minbarra <i>Tsikoudia</i> u <i>Tsipouro</i> u <i>Eau de vie de marċ Marque nationale luxemburgeoise</i>), <i>Grappa invecchiata</i> , <i>Bagaceira velha</i> kif msemmija fir-Regolament (KEE) Nru 1576/89	E 150a Karamella sempliċi E 150b Karamella b'sulfid kawstiku E 150c Karamella ta' l-ammonja E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja	<i>quantum satis</i>
Xorb aromatiku b'bażi ta' l-inbid (minbarra <i>bitter soda</i>) u nbejjed aromatiċi kif msemmija fir-Regolament (KEE) Nru 1601/91	E 150a Karamella sempliċi E 150b Karamella b'sulfid kawstiku E 150c Karamella ta' l-ammonja E 150d Karamella b'sulfidi ta' l-ammonja	<i>quantum satis</i>
Amerikan	E 150a Karamella sempliċi E 150b Karamella b'sulfid kawstiku E 150c Karamella ta' l-ammonja E 150d Karamella b'sulfidi ta' l-ammonja E 163 <i>Anthocyanins</i> E 100 Kurkumin E 101 (i) <i>Riboflavin</i> (ii) <i>Riboflavin-5'-fosfat</i> E 102 Tartrażina E 104 Kinolin Isfar E 120 Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji E 122 Azorubine carmoisine E 123 <i>Amaranth</i> E 124 <i>Ponceau 4R</i>	<i>quantum satis</i> 100 mg/l (individwalment jew flimkien)
<i>Bitter soda</i> , <i>bitter vino</i> kif msemmi fir-Regolament (KEE) Nru 1601/91	E 150a Karamella sempliċi E 150b Karamella b'sulfid kawstiku E 150c Karamella ta' l-ammonja E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja E 100 Kurkumin E 101 (i) <i>Riboflavin</i> (ii) <i>Riboflavin-5'-fosfat</i> E 102 Tartrażina E 104 Kinolin Isfar E 110 Isfar ta' nżul ix-xemx FCF Isfar oranġjo S E 120 Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji E 122 Azorubine carmoisine E 123 <i>Amaranth</i> E 124 <i>Ponceau 4R</i> , Aħmar Koċineal A E 129 Aħmar Allura AC	<i>quantum satis</i> 100 mg/l (individwalment jew flimkien)

Ikel	Kulur permissibbli	Livell massimu
Inbejjed likuruži u inbejjed likuruži ta' kwalita prodotti freġġuni speċifiċi	E 150a Karamella sempliċi E 150b Karamella b'sulfid kawstiku E 150c Karamella ta' l-ammonja E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja	<i>quantum satis</i>
Ħaxix fil-hall, fis-salmura jew fiż-żejt (minbar-ra ż-żebbuġ)	E 101 (i) <i>Riboflavin</i> (ii) <i>Riboflavin-5'-fosfat</i> E 140 Klorofilli, Klorofillini E 150a Karamella sempliċi E 150b Karamella b'sulfid kawstiku E 150c Karamella ta' l-ammonja E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja E 141 Kumplessi tar-ram tal-klorofilli u klorofillini E 160a Karoteni: (i) Karoteni mħallta (ii) Beta-karoteni E 162 Aħmar tal-pitravi, <i>betanin</i> E 163 <i>Anthocyanins</i>	<i>quantum satis</i>
Ċereali tal-kolazzjon estrużi, minfuħa u/jew bit-toghmal tal-frott	E 150c Karamella ta' l-ammonja E 160a Karoteni E 160b Annatto, Bixin, Norbixin E 160c Estratt tal-paprika, Kapsantin, Kapsorubin	<i>quantum satis</i> <i>quantum satis</i> 25 mg/kg <i>quantum satis</i>
Ċereali tal-kolazzjon bit-togħma tal-frott	E 120 Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji E 162 Aħmar tal-pitravi, <i>betanine</i> E 163 <i>Anthocyanins</i>	200 mg/kg (individwalment jew imħalta)
Kunserva tal-frott, ġelatini u marmellati kif msemmija fid-Direttiva 79/693/KEE u taħlitiet oħrajn simili tal-frott inklużi l-prodotti ta' kaloriji baxxi	E 100 Kurkumin E 140 Klorofills u klorofillini E 141 Kumplessi tar-ram tal-klorofilli u l-klorofillini E 150a Karamella sempliċi E 150b Karamella b'sulfid kawstiku E 150c Karamella ta' l-ammonja E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja E 160a Karoteni: (i) Karoteni mħallta (ii) Beta-karoteni E 160c Estratti tal-paprika, Kapsantin, Kapsorubin E 162 Aħmar tal-pitravi, <i>betanine</i> E 163 <i>Anthocyanins</i>	<i>quantum satis</i>

Ikel	Kulur permissibbli	Livell massimu
	E 104 Kwinolin Isfar	100 mg/kg (individwalment jew imħalta)
	E 110 Isfar ta' nżul ix-xemx	
	E 120 Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji	
	E 124 <i>Ponceau</i> 4R, Koċineal	
	E 142 Aħdar S	
	E 160d Lycopene	
	E 161b <i>Luteine</i>	
Zalzett, patés u terrini	E 100 Kurkumin	20 mg/kg
	E 120 Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji	100 mg/kg
	E 150a Karamella sempliċi	<i>quantum satis</i>
	E 150b Karamella b'sulfid kawstiku	<i>quantum satis</i>
	E 150c Karamella ta' l-ammonja	<i>quantum satis</i>
	E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja	<i>quantum satis</i>
	E 160a Karoteni	20 mg/kg
	E 160c Estratti tal-paprika, Kapsantin, Kapsorubin	10 mg/kg
	E 162 Aħmar tal-pitravi, <i>betanine</i>	<i>quantum satis</i>
Luncheon meat	E 129 Aħmar Allura	25 mg/kg
Zalzett għall-kolazzjon b'kontenut minimu ta' ċereali ta' 6 %	E 129 Aħmar Allura AC	25 mg/kg
Laħam tal-pulpetti (<i>burgers</i>) b'kontenut minimu ta' ħaxix u/jew ċereali ta' 4 %	E 120 Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji	100 mg/kg
	E 150a Karamella sempliċi	<i>quantum satis</i>
	E 150b Karamella b'sulfid kawstiku	<i>quantum satis</i>
	E 150c Karamella ta' l-ammonja	<i>quantum satis</i>
	E 150d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja	<i>quantum satis</i>
Zalzett <i>Chorizo</i> Salchichon	E 120 Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji	200 mg/kg
	E 124 <i>Ponceau</i> 4R, Koċineal Aħmar A	250 mg/kg
Sobrasada	E 110 Isfar ta' nżul ix-xemx FCF	135 mg/kg
	E 124 <i>Ponceau</i> 4R, Koċineal Aħmar A	200 mg/kg
<i>Pasturmas</i> (kisi estern li jittiekel)	E 100 Kurkumin	<i>quantum satis</i>
	E 101 (i) <i>Riboflavin</i>	
	(ii) <i>Riboflavin-5'-fosfat</i>	
	E 120 Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji	
Granuli u frak tal-patata mqadda	E 100 Kurkumin	<i>quantum satis</i>
Piżelli mgħaffġa w ipproċessata (fil-bott)	E 102 Tartrazina	100 mg/kg
	E 133 Ikhāl ileqq	20 mg/kg
	E 142 Aħdar S	10 mg/kg

ANNEX IV

KULURI PERMISSIBBLI BISS GĦAL ĊERTU UŻU

Kuluri	Ikel	Livell massimu
E 123	Amaranth	nbejjed aperittivi, xorb spirtuż inklużi l-prodotti b'an-qas minn 15 % alkoħol bil-volum
	Bajd tal-ħut	30 mg/l 30 mg/kg
E 127	Erythrosine	Ċirasa tal- <i>cocktail</i> u konfettura taċ-ċirasa
	Ċirasa <i>bigarreaux</i> fil- <i>ġulepp</i> u fil- <i>cocktail</i>	200 mg/kg 150 mg/kg
E 128	Aħmar 2G	Zalzett tal-kolazzjon b'kontenut minimu ta' ċereali ta' 6 %
	Laħam tal- <i>burger</i> b'kontenut minimu ta' ħaxix u/jew ċereali ta' 4 %	20 mg/kg
E 154	Kannella FK	ħut immellaħ
E 161g	Canthaxanthin	Saucisses de Strasbourg
E 173	Aluminju	Kisi estern taz-zokkor tad-dolċiera għad-dekorazzjoni tal-kejkijiet jew tal-ħlewriet
E 174	Fidda	Kisi minn barra ta' prodotti tad-dulċiera
		Dekorazzjoni taċ-ċikkulati
		Likuri
E 175	Deheb	Kisi minn barra ta' prodotti tad-dulċiera
		Dekorazzjoni taċ-ċikkulati
		Likuri
E 180	Lithorubine BK	Qoxra tal-ġobon li tittiekel
E 160b	Annatto, Bixin, Norbixin	Marġerina, 'minerine', emulsjonijiet oħra ta' xaħam, u xaħmijiet essenżjalment ħielsa mill-ilma
		Dekorazzjonijiet u kisi
		Prodotti fini tal-ifran
		Silġ li jittiekel
		Likuri, inkluż xorb imsaħħaħ b'inqas minn 15 % alkoħol bil-volum
		Ġobon ipproċessat bit-togħma
		Ġobon misjur Oranġjo, Isfar u abjad-safrani Ġobon ipproċessat mingħajr togħma
10 mg/kg 20 mg/kg 10 mg/kg 20 mg/kg 10 mg/l 15 mg/kg 15 mg/kg		

Kuluri	Ikel	Livell massimu
	Deżerti T'klijet ħfief: niexfa, 'savoury potato', ċereali, jew prodotti b'bażi ta' lamtu:	10 mg/kg
	— Prodotti 'savoury snack' 'estrużi' jew minfuħa	20 mg/kg
	— Prodotti ta' 'savoury snack' oħra u lewż miksi għat-toghħma tajba	10 mg/kg
	Ħut iffumigat	10 mg/kg
	Qoxra tal-ġobon li tittiekel u kisi li jittiekel	20 mg/kg
	Ġobon Red Leicester	50 mg/kg
	Ġobon mimolette	35 mg/kg
	Ċereali għal kolazzjon, estrużi, minfuħa u/jew bit-toghħma tal-frott	25 mg/kg

ANNEX V

KULURI PERMISSIBBLI FI PRODOTTI TA' L-IKEL APPARTI MINN DAWK IMSEMMIJA FL-ANNESI II U III**Parti 1**

Il-kuluri li ġejjin jistgħu jintużaw fi prodotti ta' l-ikel msemmija fl-Anness V, il-Parti 2 u fil-prodotti l-oħra kollha ta' l-ikel minbarra dawk elenkati fl-Annessi II u III fi *quantum satis*.

- E 101 (i) *Riboflavin*
- (ii) *Riboflavin-5'-phosfat*
- E 140 Klorofilli u klorofillini
- E 141 Kumpleksi tar-ram (aħmar) tal-klorofilli u l-klorofillini
- E 150a Karamella sempliċi
- E 105b Karamella b'sulfid kawstiku
- E 150ċ Karamella ta' l-ammonja
- E 105d Karamella b'sulfid ta' l-ammonja
- E 153 Karbonju tal-ħaxix
- E 160a Karoteni
- E 160c Estrett tal-paprika, kapsantin, kapsorubin
- E 162 Aħmar tal-pitravi, betanin
- E 163 *Anthocyanins*
- E 170 Kalċju karbonat
- E 171 Diossidu tat-titanju
- E 172 Ossidi tal-ħadid u idro-ossidi

Parti 2

Il-kuluri li ġejjin jinstgħu jintużaw waħedhom jew flimkien fl-ikel li ġej sal-livell massimu speċifikat fit-tabella. Madankollu, għal xorb mhux alkoħoliku bit-togħma, silġ li jittiekel, deżerti, prodotti fini tal-furnara, il-kuluri jinstgħu jintużaw biss sal-limitu indikat fit-tabella xierqa imma l-kwantitajiet ta' kull wieħed mill-kuluri E 110, E 122, E 124 u E 155 ma jinstgħux jeċċedu l-50mg/kg jew mg/l.

E 100	Kurkumin
E 102	Tartrazina
E 104	Kinolin Isfar
E 110	Isfar ta' nżul ix-xemx FCF, Isfar fl-oranġjo S
E 120	Koċineal, aċidu Karminiku, Karminji
E 122	<i>Azorubine, Carmoisine</i>
E 124	<i>Ponceau 4R, Aħmar Koċineal A</i>
E 129	Aħmar Allura AC
E 131	Ikħal Speċjali V
E 132	<i>Indigotine, Karminju ta' l-indigo</i>
E 133	Ikħal ileqq FCF
E 142	Aħdar S
E 151	Iswed Ileqq BN, Iswed PN
E 155	Kannella HT
E 160d	Lycopene
E 160e	Beta-apo-8'-carotenal (C 30)
E 160f	Ester <i>etile</i> ta' l-aċidu Beta-apo-8'- <i>carotenic</i> (C 30)
E 161b	<i>Luteina</i>

Ikel	Livell massimu
Xorb mhux alkoħoliku bit-togħma	100 mg/l
Konfettura tal-frott u l-ħaxix, <i>Mostarda di frutta</i>	200 mg/kg
Frott aħmar ippriservat	200 mg/kg
Prodotti tad-dulċiera	300 mg/kg
Dekorazzjonijiet u kisi	500 mg/kg
Prodotti fini ta' l-ifran (e.g. <i>viennoiserie</i> , gallettini, <i>kejki</i> jiet, <i>wafers</i>)	200 mg/kg
Silġ li jittiekel	150 mg/kg
Ġobon ipproċessat bit-togħma	100 mg/kg
Deżerti, inklużi prodotti tal-ħalib bit-togħma	150 mg/kg
Zlazi, ħwawar (per eżempju, trab tal-curry, <i>tandoori</i>), pikles, zlazi pikkanti, <i>chutney</i> u <i>piccalilli</i>	500 mg/kg

ikel	Livell massimu
Mustarda	300 mg/kg
Dlik tal-ħut u dlik tal-krustaċej	100 mg/kg
Krustaċej imsajjra bil-lest	250 mg/kg
Sostituti tas-salamun	500 mg/kg
Surimi	500 mg/kg
Bajd tal-ħut	300 mg/kg
Ħut iffumigat	100 mg/kg
“Ikliet ħfief”: mqadda, patata bit-tgħoma, ċereali jew prodotti ta' ikliet ħfief ibbażati fuq il-lamtu:	
— Prodotti ta' ikliet ħfief bit-togħma estrużi jew espanduti	200 mg/kg
— Prodotti ta' ikliet ħfief oħrajn u ġews miksi bit-tgħoma	100 mg/kg
Qoxra u kisi li jittieklu tal-ġobon	<i>quantum satis</i>
Formuli sħaħ għall-kontroll tal-piż maħsuba biex jieħdu post l-ammont ta' l-ikel mittiekel ta' kull jum jew ta' ikla ndividwali	50 mg/kg
Formuli sħaħ u supplimenti nutrizzjonali għall-użu taħt is-superviżżjoni medika	50 mg/kg
Supplimenti likwidi ta' l-ikel/integraturi tad-dieta	100 mg/l
Supplimenti solidi ta' l-ikel/integraturi tad-dieta	300 mg/kg
Sopop	50 mg/kg
Analogi tal-laħam jew tal-ħut ibbażati fuq il-proteini veġitali	100 mg/kg
Xorb spiritus (inklużi l-prodotti ta' anqas minn 15 % alkoħol bil-volum), appartu minn dawk imsemmija fl-Anness II jew III	200 mg/l
Inbejjed aromatizzati, xorb ibbażat fuq inbejjed aromatizzati u prodotti ta' <i>cocktails</i> b'inbejjed aromatizzati kif imsemmija fir-Regolament (KEE) Nru 1601/91, appartu minn dawk imsemmija fl-Anness II jew III	200 mg/l
Inbejjed tal-frott (normali jew frizzanti) <i>cider</i> (apparti mil- <i>cider bouche</i>) u inbejjed <i>perry</i> aromatizzati tal-frott, <i>cider</i> u <i>perry</i>	200 mg/l